# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 22 ta' Ottubru 2020**

**Kawza Numru: 12**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 176/2020 JVC**

**Maria Rosaria Roxanne Borg (KI236899M)**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Guramentat fejn ir-rikorrenti Maria Rosaria Roxane Borg ikkonfermat bil-gurament u talbet kif isegwi:

1. 'Illi kif premess, fl-Att tat-Twelid taghha l-esponenti inghatat l-isem ta' "Maria Rosaria Roxane" bhala l-isem li bih kellha tissejjah, izda, ilha hajjitha kollha tuza l-isem **"Roxane"** bhala l-isem li bih tigi imsejjha, kif ukoll hija maghrufa u konsistentament imsejjaha bhala **"Roxane"** kemm mill-familjari, konoxxenzi u kollegi kemm fuq postijiet tax-xoghol taghha passati, kif ukoll fil-post fejn qieghda prezentament tistudja. Illi qieghed jigi anness c-certifikat tat-twelid tal-esponenti mmarkat **Dok A**;

2. Illi l-esponenti ghandha interess li l-Att tat-Twelid taghha kif ukoll l-Atti l-ohrajn kollha li hija jista' jkollha fil-futur, ikunu jirriflettu l-isem li hija u l-familjari taghha konsistentament juzaw bhala l-isem li bih tissejjah u hija maghrufa u cioe' l-isem **"Roxane"** minflok "Maria Rosaria Roxane";

3. Illi ghalhekk l-esponenti qieghda tipprocedi sabiex issiru l-korrezzjonijiet u l-annotazzjonijiet kollha necessarji fl-atti tat-twelid taghha u f'kull att iehor relattiv u sussegwenti sabiex isimha jigi indikat u hija tkun maghrufa bhala "Roxane" u dana a tenur **tal-Artikolu 253(2) tal-Kodici Civili, (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta);**

**Talbiet**

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex prevja kull dikjarazzjoni xierqa u opportuna;

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-esponenti hija konsistentament imsejjha u maghrufa bhala **"Roxane"** u mhux bhala "Maria Rosaria Roxane";

2. Tordna illi jsiru l-korrezzjonijiet kollha necessarji fl-Att tat-Twelid tal-esponenti li jgib in-numru ta' iskrizzjoni 2368, u dana billi jsiru l-korrezzjonijiet u l-annotazzjonijiet mehtiega fl-atti tat-twelid u f'kull att iehor relattiv u sussegwenti sabiex isimha jigi indikat u hija tkun maghrufa bhala "Roxane" minflok "Maria Rosaria Roxane";

3. Tordna illi l-Atti l-ohrajn kollha li l-esponenti jista' jkollha fil-futur ikunu jirriflettu l-isem li hija, l-familja taghha, shabha u kollegi fuq il-postijiet tax-xoghol passati u fil-post fejn hija qieghda tistudja konsistentament juzaw bhala l-isem li bih tissejjah u hija maghrufa cioe' "Roxane" minflok l-isem "Maria Rosaria Roxane";

Bl-ispejjez kontra d-Direttur intimat ingunt in subizzjoni'.

Rat ir-Risposta Guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li eccepixxa kif isegwi:

1. 'ILLI, preliminarjament huwa mehtieg li b'ordni tal-Qorti, ta' lanqas hmistax-il gurnata qabel is-smigh tal-kawza ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern a tenur tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. ILLI, minghajr pregudizzju ghas-suespost, ghal dak li jirrigwarda l-mertu tal-kawza istanti, l-esponent jiddikjara illi hu ma huwiex edott mill-fatti esposti mir-rikorrenti fir-rikors promotur taghha;

3. ILLI, *a tenur* tal-Artikolu 253(2) tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta), ir-rikorrenti qieghda titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex taghti d-direzzjonijiet taghha sabiex b'hekk isem ir-

rikorrenti fl-Att tat-twelid taghha jinbidel minn 'Maria Rosaria Roxane' ghal 'Roxane';

4. ILLI, l-esponent jeccepixxi illi d-Direttur tar-Registru Pubbliku m'ghandux jinzamm responsabbli ta' din id-diskrepanza fl-isem tar-rikorrenti stante li fil-kaz *de quo*, fuq l-Att tat-Twelid in kwistjoni, kien proprju missier ir-rikorrenti Reginald Borg li kien iddikjara l-informazzjoni kollha misjuba fl-Att tat-Twelid tar-rikorrenti, inkluz l-isem tar-rikorrent, u ghal dawn il-fini huwa stess kien iffirma l-Att in kwistjoni, liema Att qed jigi hawn anness u mmarkat **Dok DRP 1.** Ghalhekk, ma jidhirx illi sar xi zball da parti l-esponent fir-registrazzjoni tal-Att ta' Twelid tar-rikorrenti;

5. ILLI, ir-rikorrenti qed titlob illi tali tibdil jigi riflett 'f'kull att iehor'. L-esponent jeccepixxi illi l-Artikolu 253 tal-Kodici Civili jaghti lok ghal korrezzjonijiet f'Atti tal-iStat Civili biss. Maghdud ma' dan, r-rikorrenti ghandha tispecifika liema huma dawk l-atti tal-iStat Civili ohra li ghandhom jirriflettu it-tibdil mitlub minnha, jekk kemm-il darba din l-Onorabbli Qorti takkolja it-talbiet taghha, u dan billi tirreferi ghan-numru progressiv u s-sena tal-Atti tal-iStat Civili kkoncernati;

6. ILLI, minghajr pregudizzju ghas-suespost, ghal dak li jirrigwarda l-mertu tal-kawza istanti, l-esponent jirrimetti ruhu ghall-ghaqli u s-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti, salv pero` illi r-rikorrenti ghandha ggib l-ahjar prova illi hi tassew konsistentement maghrufa bhala 'Roxane' u mhux 'Maria Rosaria Roxane';

7. ILLI, in vista tal-premess u minghajr pregudizzju ghall-istess, l-esponent umilment jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew zball

da parti l-esponent u kwindi m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li hija minn issa ingunta in subizzjoni'.

Rat l-affidavit, dokumenti u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Rat illi fil-verbal tal-10 ta' Gunju, 2020 ir-rikors gie differit ghal-lum ghad-decizjoni;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat;**

Illi r-rikorrenti Maria Rosaria Roxane Borg permezz tar-rikors guramentat odjern qed titlob li jsiru l-korrezzjonijiet u l-annotazzjonijiet mehtiega fl-att ta' twelid taghha bin-numru ta' iskrizzjoni 2368 tas-sena 1999 sabiex isimha jigi ndikat u hija tkun indikata bhala 'Roxane' minflok 'Maria Rosaria Roxane'. Ir-rikorrenti tispjega li tul hajjitha minn dejjem kienet taghmel uzu ta' l-isem 'Roxane' biss u dejjem kienet maghrufa mill-familjari, konoxxenti u kollegi fuq il-post tax-xoghol b'dak l-isem u kien ghalhekk li hija ghandha nteress li jkun hemm dan il-bdil fl-isem minn 'Maria Rosaria Roxane' ghal 'Roxane'.

Illi min-naha tad-Direttur tar-Registru Pubbliku eccepixxa preliminarjament illi ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) ta' lanqas hmistax-il gurnata qabel is-smigh tal-kawza ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni

fil-Gazzetta tal-Gvern. Id-Direttur sahaq li huwa m'huwiex edott mill-fatti esposti u li fir-rigward it-talba sabiex il-Qorti taghti d-direzzjoni taghha sabiex l-isem jinbidel minn 'Maria Rosaria Roxane' ghal 'Roxane' jeccepixxi li huwa m'ghandux jinzamm responsabbli stante li kien missier ir-rikorrenti Reginald Borg li ddikjara l-informazzjoni kollha misjuba fl-Att tat-Twelid tar-rikorrenti, nkluz l-isem. Fir-rigward it-talba sabiex it-tibdil jigi rifless 'f'kull att iehor' jeccepixxi illi l-Artikolu 253 tal-Kodici Civili jaghti lok ghal korrezzjonijiet fl-atti tal-Istat Civili biss u maghdud ma' dan ir-rikorrenti ghandha tispecifika liema huma dawk l-atti li ghandhom jirriflettu t-tibdil fiha. Fir-rigward il-mertu, d-Direttur intimat irrimetta ruhu ghall-ghaqli u savju gudizzju ta' din il-Qorti salv li tingieb l-ahjar prova. Finalment issottometta li fi kwalunkwe kaz huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez stante li dan ma kienx attribwit ghal xi ghemil jew zball da parte tieghu.

**<u>Eccezzjoni preliminari:</u>**

Illi permezz ta' l-eccezzjoni preliminari tieghu, d-Direttur tar-Registru Pubbliku eccepixxa li huwa mehtieg li b'ordni tal-Qorti, ta' l-inqas hmistax il-gurnata qabel is-smigh tal-kawza ssir d-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta).

Illi l-Artikolu 254 tal-Kodici Civili jaqra kif isegwi:

> '(1) Ħmistax-il ġurnata, għall-anqas, qabel is-smigħ tal-kawża fuq it-talba msemmija fl-aħħar artikolu qabel dan, għandu jiġi, b'ordni tal-qorti, pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern avviż, skont il-Formula B fit-Taqsima II tal-Ewwel Skeda li hawn ma' dan il-Kodiċi, illi bih, kull min ikollu

interess, jiġi msejjaħ sabiex jiddikjara, fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-pubblikazzjoni ta' dak l-avviż, bil-mezz ta' nota, jekk hux bi ħsiebu jopponi t-talba.

(2) Avviż dwar il-ġurnata tas-smigħ tal-kawża għandu jingħata lil kull persuna li tkun ippreżentat dik in-nota fiż-żmien hawn fuq imsemmi.'

Illi mill-atti jirrizulta li l-kawza giet intavolata fis-27 ta' Frar, 2020 u ghalkemm il-primo appuntament kien iffissat ghall-21 ta' April, 2020 (ara digriet ghas-smiegh tas-seduta a fol. 10 tal-process), minhabba c-cirkostanzi prezenti tal-Covid-19, l-ewwel seduta saret fl-10 ta' Gunju, 2020. Il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern saret fit-3 ta' Marzu, 2020 (ara pubblikazzjoni a fol. 11 u fol. 12 tal-process) u ghalhekk ferm qabel hmistax il-gurnata qabel is-smigh tal-kawza, hekk kif stipulat fil-ligi. Ghaldaqstant din l-eccezzjoni preliminari hija sorvolata.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi fl-atti gew esebiti bosta kopji ta' dokumenti li lkoll jevidenzjaw li zgur sa mis-sena elfejn u sitta (2006) ir-rikorrenti kienet maghrufa bl-isem ta' 'Roxane' u mhux 'Maria Rosaria Roxane'. Dawn id-dokumenti li gew ikkonfermati mill-attrici stess fid-deposizzjoni moghtija bil-procedura tal-affidavit (ara affidavit a fol. 20 tal-process) jikkonsistu fis-segwenti:

i. Certifikat tal-Ewwel Tqarbina datat 20 ta' Gunju, 2006 (a fol. 21 tal-process);

ii. ETC employment form datata 30 ta' Gunju, 2017 (a fol. 22 u fol. 23 tal-process);

iii. FS3 tal-impieg li kellha r-rikorrenti ma' Hilltop Care Home Ltd ghas-snin 2017 u 2018 (a fol. 24 u fol. 25 tal-process);

iv. Payslips tal-impieg li kellha r-rikorrenti ma' Hilltop Care Home Ltd datati 1 ta' Awwissu, 2017 sal-31 ta' Awwissu, 2017 u 1 ta' Ottubru, 2018 sal-31 ta' Ottubru, 2018 (a fol. 26 u fol. 27 tal-process);

v. Ittra ta' rizenja da parte tar-rikorrenti mill-impieg taghha ma' Hilltop Care Home Ltd u risposta ta' accettazzjoni tar-rizenja da parte ta' Hilltop Care Home Ltd (a fol. 28 u fol. 29 tal-process);

vi. Ricevuti rilaxxati mill-hanut Scan Centre datati 1 ta' Ottubru, 2015 u 30 ta' Awwissu, 2018 (a fol. 30 u fol. 31 tal-process);

vii. Statements mahruga mill-Bank of Valletta plc (a fol. 32 u fol. 33 tal-process);

viii. Zewg certifikati medici (a fol. 40 tal-process); u

ix. Diversi kartolini ta' familjari u hbieb (a fol. 34 sa fol. 38 tal-process).

Illi din il-kawza qieghda ssir ai termini tal-Artikoli 253 *et seq* tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) li jaghtu dritt lill-persuna li tressaq talba gudizzjarja sabiex tinghata korrezzjoni fir-registrazzjoni ta' isem jew ismijiet fl-atti tal-istat civili.

Illi *in vista* tal-provi kollha fl-atti u tas-suespost, din il-Qorti tqis li verament sa minn eta' zghira r-rikorrenti kienet tigi msejjha u maghrufa bl-isem biss ta' Roxane u ghaldaqstant it-talbiet tar-rikorrenti huma gustifikati u ghandhom jigu milqugha.

Finalment stante li l-korrezzjoni mitluba ma tirrizultax minn xi zball da parti tad-Direttur intimat il-Qorti taqbel li l-intimat m'ghandux ibati l-ispejjez tal-kawza odjerna.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tghaddi sabiex tiddeciedi s-segwenti:

1. Tiddikjara l-eccezzjoni preliminari bhala sorvolata filwaqt li tichad il-bqija tal-eccezzjonijiet tad-Direttur intimat sakemm dawn huma inkonsistenti ma' dak hawn deciz;

2. Tilqa' l-ewwel talba attrici u tiddikjara u tiddeciedi li r-rikorrenti hija konsistentement imsejjha u maghrufa bl-isem ta' 'Roxane' u mhux 'Maria Rosaria Roxane';

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna li jsiru l-korrezzjonijiet kollha necessarji fl-Att ta' Twelid bin-numru ta' iskrizzjoni 2368, u dana billi jsiru l-korrezzjonijiet u l-annotazzjonijiet mehtiega fl-atti tat-twelid u f'kull att iehor relattiv u sussegwenti sabiex isimha jigi ndikat u li hija maghrufa bhala "Roxane' minflok "Maria Rosaria Roxane";

3. Tilqa' t-tielet talba kif dedotta limitatament ghal dawk l-atti fil-poter tad-Direttur tar-Registru Pubbliku.

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta).

Bl-ispejjez kollha tal-kawza ghar-ragunijiet suesposti ghandhom jigu nterament sopportati mir-rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**22 ta' Ottubru, 2020**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**22 ta' Ottubru, 2020**